VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,032, 31 ta' Lulju, 2018
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXV tal-2018

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni fl-isport.

ACT No. XXXV of 2018

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the prevention of curruption in sport.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
President

31 ta' Lulju, 2018

ATT Nru XXXV tal-2018

ATT biex jipprovdi għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni fl-isport.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2018 dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fl-Isport. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I – LIĠI SOSTANTIVA

2. F'dan l-Att sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"assoċjazzjoni nazzjonali" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att dwar l-Isports; Kap. 455.

VERŻJONI ELETTRONIKA

"atleta" tfisser kwalunkwe persuna jew grupp ta' persuni li jipparteċipaw f'avveniment sportiv;

"avveniment sportiv Malti" tfisser:

(a) avveniment sportiv organizzat minn organizzazzjoni sportiva; jew

(b) avveniment sportiv li fih ikun qed jipparteċipa klabb jew tim Malti;

"informazzjoni privileġġjata" tfisser informazzjoni importanti ta' natura preċiża li hija direttament jew indirettament relatata ma' kwalunkwe avveniment sportiv, li persuna tipposjedi bis-saħħa tal-pożizzjoni tagħha fir-rigward ta' xi sport jew avveniment sportiv, iżda ma tinkludi l-ebda informazzjoni li diġà ġiet ippubblikata jew li hija għarfien komuni, li tista' tiġi faċilment aċċessata minn membri interessati tal-pubbliku jew żvelata skont ir-regoli u r-regolamenti li jkopru l-avveniment sportiv rilevanti:

Iżda li:

(i) għall-finijiet ta' din it-tifsira, l-informazzjoni għandha titqies li hija importanti jekk tkun tali illi, li kieku kienet pubblika, x'aktarx li jkollha effett sinifikanti fuq il-perċezzjoni tal-pubbliku dwar l-eżitu l-aktar verosimili, jew il-progress ta' avveniment sportiv;

(ii) għall-finijiet ta' din it-tifsira, l-informzzjoni għandha titqies li hija ta' natura preċiża jekk tindika ċirkostanza jew sett ta' ċirkostanzi li jeżistu jew li hemm aspettattiva raġonevoli li ser iseħħu, jew avveniment li seħħ jew li hemm aspettattiva raġonevoli li ser iseħħ u/jew jekk hija, b'mod ieħor, speċifika biżżejjed li tippermetti li tinsilet konklużjoni dwar l-effett potenzjali ta' dik iċ-ċirkostanza jew sett ta' ċirkostanzi jew avveniment, fir-rigward tal-eżitu jew tal-progress l-aktar verosimili ta' avveniment partikolari sportiv;

Kap 455. "klabb" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Isports;

"manipulazzjoni ta' avveniment sportiv" tfisser att jew ommissjoni li permezz tagħhom persuna tagħmel arranġament intenzjonat, li jkollu l-għan jew iwettaq b'suċċess:

(a) il-bidla deliberata tal-eżitu ta' kwalunkwe avveniment sportiv;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) il-bidla deliberata ta' kwalunkwe mill-aspetti tal-avveniment sportiv u tan-natura imprevedibbli tal-avveniment sportiv, irrispettivament minn jekk dik il-bidla taffettwax l-eżitu finali tal-avveniment sportiv u jekk dik il-bidla, jekk isseħħ, titwettaqx bħala konsegwenza diretta jew indiretta tal-att jew ommissjoni;

(ċ) il-provvista ta' informazzjoni privileġġjata lil terzi persuni b'mod li tassisti jew tiffaċilita t-twettiq ta' reat kontra dan l-Att;

(d) il-kisba attwali ta' informazzjoni privileġġjata bl-intenzjoni li dik l-informazzjoni tiġi provduta lil terzi persuni; jew

(e) l-għajnuna, il-kompliċità, l-inkuraġġiment u/jew b'xi mod ieħor l-inċitament ta' terzi persuni sabiex jitwettaq xi wieħed mill-atti, jew aktar, imsemmijin aktar 'il fuq,

li jistgħu jirriżultaw f'vantaġġ indebitu jew gwadann għal dik il-persuna jew għal oħrajn;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli mill-isport;

"operatur tal-logħob" tfisser operatur li jipprovdi servizz tal-logħob, kif definit fl-Att dwar il-Logħob; Kap. 400.

"organizzazzjonijiet sportivi" tfisser l-organizzazzjonijiet kollha tal-isport li huma rreġistrati bħala tali ma' SportMalta taħt l-Att dwar l-Isports; Kap. 455.

"persuna" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew korp ġuridiku;

"persunal għas-sostenn tal-atleti" tfisser kwalunkwe kowċ, persuna li tħarreġ, maniġer, aġent, persunal tat-tim, uffiċjal tat-tim, persunal mediku jew paramediku li jaħdem ma' jew idewwi atleti li jkunu qed jipparteċipaw fi jew iħejju għal avveninment sportiv, u kwalunkwe persuna oħra li taħdem mal-atleti;

"uffiċjal tal-klabb" tfisser kwalunkwe persuna li hija l-proprjetarja ta', azzjonista fi, membru tal-eżekuttiv jew membru tal-persunal ta' klabb;

"uffiċjal tal-logħob" tfisser kwalunkwe persuna li hija proprjetarja, azzjonista, membru tal-eżekuttiv jew membru tal-persunal ta' assoċjazzjoni nazzjonali jew kwalunkwe entità oħra

VERŻJONI ELETTRONIKA

li torganizza u, jew tippromwovi avvenimenti sportivi u tinkludi arbitri, membri tal-ġurija u kwalunkwe persuni oħra li r-rwol tagħhom huwa li jaċċertaw l-osservanza tar-regoli tal-avveniment sportiv, jew li jevalwaw il-prestazzjoni tal-atleti, jew li jwettqu funzjonijiet li huma anċillari jew li jwasslu għal dan;

"uffiċjal pubbiku" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.

Ġurisdizzjoni.

3. Ir-reati stabbiliti taħt dan l-Att għandhom ikunu suġġetti għall-ġurisdizzjoni Maltija u għandhom jitqiesu bħala reati anke meta jitwettqu barra minn Malta u, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali, l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' reat taħt dan l-Att tista' titmexxa f'Malta u skont il-liġijiet ta' Malta kontra kwalunkwe persuna li twettaq jew tipparteċipa f'reat stabbilit f'dan l-Att, fil-każijiet li ġejjin:

Kap. 9.

(a) meta r-reat iseħħ, anke jekk parzjalment, f'Malta jew fuq il-baħar fi kwalunkwe post fil-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta; jew

(b) meta persuna li hija preżenti f'Malta xjentement tassisti jew tinċita persuna oħra sabiex twettaq ir-reat; jew

(ċ) meta r-reat ikun konness ma' avveniment sportiv Malti; jew

(d) meta l-ħati huwa ċittadin Malti jew persuna resident f'Malta b'mod permanenti u l-fatt jikkostitwixxi wkoll reat kriminali skont il-liġijiet tal-Istat fejn seħħ:

Iżda li għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt l-artikolu 5(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

Manipulazzjoni ta' avveniment sportiv.

4. Kull min jinvolvi ruħu fil-manipulazzjoni ta' avveniment sportiv kif imfissra f'dan l-Att, ikun ħati ta' reat u għandu, meta jinstab ħati, ikun suġġett għal priġunerija għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin u għal multa minn ħamest elef euro (€5,000) sa tletin elf euro (€30,000) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

Obbligu ta' rappurtar.

5. (1) Kull persuna li għandha għarfien, sew jekk verbali, bil-miktub jew xort'oħra, li twettaq reat kontra kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4, għandha tgħaddi dak l-għarfien lill-Kummissarju tal-Pulizija u jekk tonqos milli tagħmel dan fi żmien erbatax-il jum mid-data li fiha tkun saret taf dwar dak il-fatt, tkun ħatja ta' reat:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda li dan l-artikolu ma għandux japplika għar-raġel jew għall-mara, sieħeb f'unjoni ċivili jew koabitanti, axxendenti jew dixxendenti, ħu jew oħt, il-kunjatu jew il-kunjata, ir-raġel tat-tifla jew il-mara tat-tifel, iz-ziju jew iz-zija, in-neputi jew in-neputija u ħu jew oħt tar-rispett tal-awtur jew tal-kompliċi f'reat mhux żvelat.

(2) Il-piena għar-reat stabbilit fis-subartikolu (1) għandha tkun dik ta' priġunerija għal perjodu ta' mhux aktar minn sena jew multa ta' mhux anqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) u mhux aktar minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Ċirkostanzi aggravanti.

6. (1) Ir-reati stabbiliti fl-artikoli preċedenti huma meqjusa aggravati kull meta jitwettqu:

(a) bħala skop ta' u fi ħdan organizzazzjoni kriminali kif stabbilit fl-artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali; jew

Kap. 9.

(b) bl-intenzjoni li l-eżitu tagħhom jintuża għal gwadann mil-logħob; jew

(ċ) bl-użu ta' theddid, vjolenza privata jew fastidju skont is-Sub-Titolu IX tat-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali; jew

Kap. 9.

(d) l-att huwa kommess minn persuna li hija:

(i) uffiċjal jew impjegata ta' assoċjazzjoni nazzjonali;

(ii) uffiċjal pubbliku;

(iii) impjegata ta' operatur tal-logħob;

(iv) impjegata ta' SportMalta;

(v) atleta;

(vi) membru tal-persunal għas-sostenn tal-atleti;

(vi) uffiċjal tal-logħob;

(viii) uffiċjal ta' klabb;

(ix) eks atleta, eks membru tal-persunal għas-sostenn tal-atleti, eks uffiċjal tal-logħob, jew eks uffiċjal ta' klabb;

(e) l-att iwassal għall-gwadann ta' benefiċċju monetarju

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' aktar minn għaxart elef euro (€10,000).

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, meta r-reati msemmija fl-artikoli preċedenti jkunu akkumpanjati minn ċirkostanza waħda aggravanti jew aktar, kif stabbilit fis-subartikolu (1), il-piena għal tali reat aggravat għandha tkun dik ta' priġunerija għal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux aktar minn ħames snin:

Iżda li:

(i) jekk il-gwadann tal-benefiċċju monetarju jiġi stabbilit u kwantifikat, il-piena għandha wkoll tinkludi multa ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) jew ta' ammont li jkun ugwali għal tliet darbiet il-gwadann tal-benefiċċju monetarju, skont liema jkun l-ogħla;

(ii) jekk ikun stabbilit li l-gwadann tal-benefiċċju monetarju jammonta għal aktar minn għaxart elef euro (€10,000) iżda ma jiġix kwantifikat, il-piena għandha wkoll tinkludi multa ta' mhux anqas minn għaxart elef euro (€10,000) u mhux aktar minn mija u ħamsin elf euro (€150,000);

(iii) jekk hemm piena akbar applikabbli taħt xi liġi oħra, għandha tapplika l-akbar piena:

Iżda wkoll li meta l-avveniment sportiv manipulat huwa avveniment li fih ikun qed jipparteċipa tim nazzjonali Malti jew atleta li jkun qed jirrappreżenta lil Malta f'avveniment sportiv internazzjonali, il-piena għandha tiżdied bi grad.

Esklużjoni ta' ċerti pieni. Kap. 446. Kap.9.

7. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* u tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' reat kontra l-artikoli 4 sa 6.

(2) Minbarra l-pieni stabbiliti taħt l-artikoli 4 u 6, persuna li tinstab ħatja ta' reat kontra l-imsemmija artikoli għandha tiġi skwalifikata milli tipparteċipa fi u tattendi għal kwalunkwe avveniment sportiv u milli tkun preżenti fil-bini ta' kwalunkwe organizzazzjoni sportiva, għal mhux anqas minn għaxar snin.

(3) Kwalunkwe persuna li ma tosservax l-iskwalifika stabbilita fis-subartikolu (2) tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att u għandha tkun suġġetta, meta tinstab ħatja, għal piena ta' massimu ta' sitt xhur priġunerija u għal multa ta' elf euro (€1,000), jew għal priġunerija u multa flimkien.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Konfiska tar-rikavat.

8. Il-qorti għandha, minbarra kwalunkwe piena li tista' tiġi imposta fuq il-persuna li tkun instabet ħatja ta' kwalunkwe mir-reati stabbiliti fl-artikoli preċedenti u minbarra kwalunkwe piena li għaliha jista' jkun soġġett korp ġuridiku taħt l-artikolu 121D tal-Kodiċi Kriminali: Kap. 9.

(a) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat tar-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, sew jekk il-persuna li tkun ġiet misjuba ħatja, jew il-korp ġuridiku msemmi fl-artikolu 121D ikunu rċevew dak ir-rikavat u sew jekk le; u

(b) tordna l-interdizzjoni perpetwa ġenerali tal-ħati.

L-Avukat Ġenerali jista' jeżenta minn proċedimenti kriminali.

9. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-Avukat Ġenerali jista', fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u jew, fuq rakkomandazzjoni tal-Korp għall-Integrità tal-Isport, kemm-il darba fil-ġudizzju individwali tiegħu jkun sodisfatt bil-parir mogħti lilu fir-rigward, joħroġ ċertifikat bil-miktub li jeżenta lil kwalunkwe persuna msemmija fih minn proċedimenti kriminali fir-rigward ta' reat kontra dan l-Att jew reat konness miegħu, bil-kundizzjoni li dik il-persuna tagħti x-xhieda tagħha skont il-liġi dwar il-fatti kollha magħrufa lilha, relatati ma' reat kontra dan l-Att jew kwalunkwe reat konness miegħu quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali u hekk kif jinħareġ dan iċ-ċertifikat u tingħata l-evidenza f'konkordanza miegħu mill-persuna li għalih jirreferi, ma jkunu jistgħu jittieħdu l-ebda proċedimenti quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali kontra tali persuna, b'rabta ma' dak ir-reat jew reat konness miegħu.

(2) It-talba mill-Kummissarju tal-Pulizija għandha ssir bil-miktub u għandu jkun fiha d-dettalji kollha rilevanti li jistgħu jintalbu mill-Avukat Ġenerali, liema talba għandha tintbagħat lill-Avukat Ġenerali b'mod kunfidenzjali.

(3) Iċ-ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-artikoli għandu, l-ewwel darba li tkun ser tingħata x-xhieda quddiem il-qorti, jiġi esebit fil-qorti minn rappreżentant tal-Avukat Ġenerali.

(4) L-Avukat Ġenerali jista' joħroġ ċertifikat taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu minkejja kwalunkwe oppożizzjoni mix-xhud.

(5) L-eżenzjoni minn proċedimenti kriminali taħt dan l-artikolu ma tista' tinħareġ favur l-ebda persuna wara li jkunu nbdew tali proċedimenti, ladarba jkunu ħarġu l-akkużi kontra l-persuna.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Thassir u riżerva. Kap. 263.

10. L-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' *Players*, qiegħed jiġi rrevokat mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ħaġa magħmula jew li għad trid issir taħtu.

Kap. 263.

Iżda li l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' *Players*, għandu jitqies li għadu fis-seħħ fir-rigward ta' kwalunkwe reati mwettqa qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

TAQSIMA II – KORP GĦALL-INTEGRITÀ TAL-ISPORT

Twaqqif, funzjonijiet u kompożizzjoni tal-Korp għall-Integrità tal-Isport.

11. (1) Għandu jkun hemm korp ġuridiku li jkun imsejjaħ Korp għall-Integrità tal-Isport.

(2) Il-funzjonijiet tal-Korp għall-Integrità tal-Isport huma li:

(a) jiġbor u janalizza informazzjoni u intelliġenza rilevanti għall-investigazzjonijiet dwar suspett ta' manipulazzjoni ta' avvenimenti sportivi, u jiskambja dik l-informazzjoni u intelliġenza ma' entitajiet ta' natura simili madwar id-dinja, skont kif jiġi stabbilit f'regolamenti magħmula skont is-subartikolu (4);

(b) jaġixxi ta' *hub* ta' informazzjoni u jikkoordina l-ġlieda kontra l-manipulazzjoni fl-isport;

(ċ) janalizza allerti ġejjin minn sistemi li jesponu l-frodi fl-imħatri u minn sistemi ta' monitoraġġ ta' tip ta' mħatri oħra;

(d) ikun il-punt ta' kuntatt ewlieni mal-pulizija, għaqdiet sportivi u l-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob fir-rigward tal-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tar-riżultati sportivi;

(e) jagħti pariri lill-Ministru dwar kif jiżviluppa u jimplimenta politika u strateġiji dwar il-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tar-riżultati sportivi kif ukoll fit-tfassil ta' programmi edukattivi b'kollaborazzjoni mal-assoċjazzjonijiet sportivi nazzjonali u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni;

(f) jagħti pariri lill-Ministru dwar kif għandhom jiġu aġġornati minn żmien għal żmien il-liġijiet li jolqtu l-integrità tal-isport;

(g) jassisti lill-pulizija fil-prosekuzzjoni ta' każijiet kriminali, kif ukoll lill-għaqdiet sportivi fil-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' dixxiplina sportiva, relatati mal-manipulazzjoni ta' riżultati sportivi;

(h) meta jkun mitlub jagħmel hekk mill-Ministru,

VERŻJONI ELETTRONIKA

jirrappreżenta lill-Gvern ta' Malta fil-qasam internazzjonali jew reġjonali dwar materji relatati mal-manipulazzjoni tar-riżultati sportivi, hekk kif jiġi delegat mill-Ministru.

(3) Il-Korp għall-Integrità tal-Isport għandu jkun enti morali u jkollu personalità ġuridika distinta u jkun jista' jwettaq l-azzjonijiet kollha konsegwenzjali għall-istess personalità ġuridika distinta.

(4) Il-Ministru għandu s-setgħa li jagħmel regolamenti sabiex jirregolaw:

(a) il-kompożizzjoni tal-Bord li jmexxi l-Korp għall-Integrità tal-Isport u t-tmexxija tiegħu, inkluż dwar l-affarijiet finanzjarji u l-obbligi ta' għoti ta' rendikonti u ta' rappurtar tal-Korp; u

(b) is-setgħat li għandhom jingħataw lill-Korp għall-Integrità tal-Isport sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont dan l-artikolu.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 137 tal-4 ta' Lulju, 2018.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

JOSANNE PARIS
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati